**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura KriminaliMagistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 794/2015**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mario Xiberras)**

**vs.**

**Matthew Piscopo**

Illum l-20 ta' April 2021

Il Qorti:

Rat illi l-prosekuzzjoni pprezentat taħt arrest lil **Matthew Piscopo** ta' 40 sena bin il-mejjet John u Antonia xebba Spiteri imwieled Pieta' nhar d-09 ta' Dicembru ta' 1974, Sant'Anna, Furjana u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 068675 M.

Akkuzat talli fi-18 ta' Novembru 2012 f'hin mhux maghruf minn ġo l-fond 157 Flat 2, Triq il-Punent, Valletta;

1 Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti ta' valur li jeċċedi l-ammont ta' €2,329.37c minn ġo fond 157 Flat 2, Triq Il-Punent Valletta, liema serq huwa kwalifikat bil-meżż, bil-valur, bil-lok u bil-persuna ghad-detriment ta' Familja Camilleri u/jew terzi persuna/i;

2. U aktar talli fl-istess żmien laqa' ghandu jew xtara ħwejjeg misruqa, meħuda b'qerq jew akwistata b'reat, u/jew xjentement b'kull mod indaħal sabiex ibieghuhom jew imexxuhom;

3. Ikkometta hsara volontarja ghad-dannu tal-Familja Camilleri bi ksur tal-artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali;

4. U aktar talli b'hekk rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati Malta liema saru definittivi w ma jistawx jiġi mibdula;

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, l-imsemmi Matthew Piscopo iħallas lil parti offiża dak l-ammont ta' flus li jista jigi stabbilit mill-Qorti f'dik id-direttiva bħall kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew ħsara kaġunati permezz tar-reat.

Il-Qorti hija gentilment mitluba f'każ ta' ħtija tikkundana lill-akkużati ghall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2015, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li wara li gie moqri r-rinviju tal-Avukat Generali datat 21 ta' Marzu 2016[2], l-prosekuzzjoni fl-udjenza tat-13 ta' April 2016 talbu korrezzjoni fl-akkuzi

[1] Folio 14 ta' l-atti processwali

sabiex ikun hemm zieda fl-ewwel akkuza sabiex is-serq jigi kkwalifikat bil-lok kif ukoll jizdied l-imputazzjoni li l-imputat ikkommetta hsara volontarja ghad-dannu tal-Familja Camilleri u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali.[3]

Rat li wara din il-korrezzjoni gie milqugha u saret il-korrezzjoni sabiex tizdied akkuza ohra, regghu inqraw l-akkuzi bil-gurament u ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat rega tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[4]

Rat li fl-istess udjenza d-difiza ezentat lil Prosekuzzjoni milli terga' ttella' x-xhieda kollha mismugha sa dan il-punt.

Rat li wara li gie moqri r-rinviju tal-Avukat Generali datat 27 ta' Gunju 2016[5], l-prosekuzzjoni fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2016 talbu korrezzjoni fl-akkuzi sabiex ikun hemm zieda fl-ewwel akkuza sabiex b'mod partikolari tordna z-zieda tal-imputazzjoni fis-sens li l-imputat ikkommetta hsara volontarja ghad-dannu tal-Familja Camilleri u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali skond kif korretti u kif jidhru skond kif korretti a fol. 192[6] u kif mizjuda matul din is-seduta.[7]

Rat li wara din il-korrezzjoni gie milqugha u saret il-korrezzjoni mehtiega, regghu inqraw l-akkuzi bil-gurament u ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat rega tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[8]

---

[2] Folio 209 ta' l-atti processwali
[3] Folio 210 ta' l-atti processwali
[4] Folio 214 ta' l-atti processwali
[5] Folio 227 ta' l-atti processwali
[6] Illum Folio 210
[7] Folio 210 ta' l-atti processwali
[8] Folio 231 ta' l-atti processwali

Rat li fl-istess udjenza d-difiza ezentat lil Prosekuzzjoni milli terga' tressaq mill-gdid il-provi gia kompilati f'dan il-kaz.

Rat li permezz tar-rinviju tal-Avukat Generali datat 17 ta' Novembru 2017[9] fejn gew indikati li l-atti tal-kumpilazzjoni huma difettuzi ghat-tenur tal-artikolu 432(2) tal-Kodici Kriminali regghu inqraw l-imputazzjonijiet bil-gurament u ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat rega tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[10]

Rat li fl-istess udjenza d-difiza ezentat lil Prosekuzzjoni milli terga' tressaq mill-gdid il-provi gia kompilati f'dan il-kaz.

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[11]

Rat li fl-udjenza tas-16 ta' Lulju 2019 il-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga tisma lix-xhieda prodotti.[12]

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar it-12 ta' Gunju 2020 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[13]:

a. Fl-artikoli 261(b), 261(c), 261(d), 261(e), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 269, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[9] Folio 361 ta' l-atti processwali
[10] Folio 231 ta' l-atti processwali
[11] Folio 429 ta' l-atti processwali
[12] Folio 434 ta' l-atti processwali
[13] Folio 101 ta' l-atti processwali

c. Fl-artikolu 325(1)(c), kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Fl-artikoli 17, 23, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat li fl-udjenza tat-18 ta' Gunju 2020 l-artikoli tal-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-12 ta' Gunju 2020 gew moqrija u waqt l-istess udjenza, l-imputat tenna li m'ghandhux oggezzjona li din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti.

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar it-18 ta' Gunju 2021.[14]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar il-5 ta' Frar 2021.[15]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw fl-udjenza tal-5 ta' Frar 2021.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar it-18 ta' Novembru 2012 meta gie rraportat li kien hemm sgass gewwa l-fond 157, Flat 2, Triq il-Punent, il-Belt, Valletta.

[14] Folio 468 ta' l-atti processwali
[15] Folio 482 ta' l-atti processwali

Mill-investigazzjoni tal-pulizija irrizulta li xi hadd kien sgassa l-bieb ta' l-appartament, dahal u seraq diversi oggetti u dehebijiet minn gewwa l-fond. Il-vittmi, Alfredo u Antonia Camilleri, pensjonanti, kienu hargu ghall-gurnata, kif kienu jaghmlu normalment kull nhar ta' Hadd.

Wara li nfethet inkjesta u minn investigazzjonijiet ulterjuri tal-pulizija, gie arrestat u mressaq l-imputat.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tat-2 t'Ottubru 2015 xehed id-derubat **Alfredo Camilleri** li stqarr li lura fl-2012 kien ghamel rapport mal-Pulizija minhabba li f'jum li kien il-Hadd,

Ghall-habta tas-18:30hrs hekk kif hu u l-mara tieghu, Antonia Camilleri, irritornaw id-dar, sabu l-bieb ta' barra sgassat. Meta dahal gewwa, seta' jinnota li kien insteraq ghadd ta' deheb b'valur ta' cirka €5,000. L-oggetti misruqa kienu jinkludu crieket u gizirajjen tad-deheb u x-xhud ipprepara lista tal-oggetti nieqsa. Ix-xhud spjega li l-oggetti insterqu minn gewwa l-gwardarobba u minn go kexxun fil-komodina. Ma kienx hemm taqlib partikolari fil-kumplament tal-fond, biss li l-bieb ta' barra u l-gwardarobba kienu sgassati. Fuq il-post kien hemm tornavit li ma kienx tad-derubat li gie elevat mill-Pulizija fil-kors tal-investigazzjoni. Ix-xhud spjega li per konsegwenza tas-serqa, il-kondizzjoni tad-dimenzja li biha hija afflitta l-mara tieghu kompliet tiggrava. In kontro-ezami, id-derubat stqarr li dakinhar tas-

serqa huwa ma kienx id-dar u kien ilu barra sa minn filghodu. Ikkonferma ukoll li lill-imputat ma jafux. Id-derubat rega' xehed waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2017 fejn huwa gie mitlub biex jaghti aktar dettall dwat l-oggetti allegatament misruqa. Huwa rrefera ghall-elenku li kien ipprezenta precedentament u spjega li dan l-elenku kien miktub mir-ragel tat-tifla ta' oht il-mara, u cioe' Joseph Curmi. Dan l-elenku ma sarx mid-derubat stess minhabba li ma jafx jikteb u meta gie muri l-elenku mill-process, id-derubat ma setax jaghrfu. Mill-banda l-ohra, id-derubat kien kapaci jsemmi whud mill-oggetti neqsin li kienu jinkludu curkett bil-fossa ta' kulur roza, curkett tal-lira, zewg *chokers* tal-irgiel, *choker* tan-nisa u xi fili u brazzuletti. Qal ukoll li kien hemm xi flus antiki li ma kienux miktuba fl-elenku.

Fis-seduta tas-16 t'Ottubru 2015, xehed **l-Ispettur Carlos Cordina**, gia stazzjonat CID li spjega kif nhar it-18 ta' Novembru 2012 kien dahal rapport li kienet sehhet serqa mill-appartament 157, Flat 2, Triq il-Punent, Valletta. Id-derubati kienu zewg anzjani li jisimhom Alfredo u Antonia Camilleri. Fost il-beni li allegatament gew misruqa kien hemm gojjellerija, xi arloggi u xi affarijiet ohra varji. Skont id-derubati, il-valur tal-oggetti kien ta' 'l fuq minn €4,000. Minn investigazzjonijiet tal-Pulizija, is-suspett waqa' fuq Matthew Piscopo fejn wara li gie arrestat, gie mitkellem mill-Pulizija u nhar l-24 ta' Lulju 2015, wara li rrifjuta li l-jedd ghall-assistenza legali, ta stqarrija fejn cahad kategorikament li kien lejn il-Belt meta sehhet l-allegata serqa u dan anke' wara li kien ittiehed fuq il-post. Ix-xhud spjega li bhala parti mill-investigazzjoni relatati mal-inkjesta magisterjali, fit-18 ta' Awwissu 2015, ittiehdu kampjuni tal-impronti digitali tal-imputat. Fl-24 ta' Settembru 2015 l-imputat rega' gie mistieden jaghti stqarrija fejn dan rega cahad li huwa kien fil-vicinanzi tal-fond derubat. In segwitu ta' dan, gie mressaq il-Qorti taht arrest. In kontro-ezami, ix-xhud spjega li d-derubati gew murija ritratti ta' diversi persuni, inkluz l-imputat, izda huma ma gharfu lil hadd minnhom.

Fuq kif is-suspett waqa' fuq l-imputat, ix-xhud spjega li l-Pulizija kienet irceviet informazzjoni kunfidenzjali li imbaghad giet segwita b'investigazzjonijiet ulterjuri. Ikkonferma li meta saret spezzjoni fid-dar tal-imputat, ma nstabet l-ebda *res furtiva*. L-Ispettur Cordina rega' xehed waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2020 fejn huwa ddikjara li qed jaghraf id-dokument a fol 220 u rega' spjega kif l-imputat dejjem sostna li huwa qatt ma kien resaq lejn il-fond derubat. In kontro-ezami, spjega li huwa kien talab lid-derubati jekk kellhomx xi ricevuti tal-oggetti misruqa izda qatt ma gie mghoddi dawn id-dokumenti, probabbilment ghax kienu ilhom hafna mixtrijin. Stqarr ukoll li l-ebda mill-oggetti misruqa ma gie rintraccjat u allura xejn ma gie mghoddi lura lid-derubati sa dak il-punt.

Fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2016, xehed **PS 90 Jeffrey Gerada**, stazzjonat CID, li spjega li huwa kien assista lill-Ispettur Cordina fl-investigazzjonijiet fuq il-kaz odjern. Fit-30 ta' Gunju 2015 huwa mar ikellem lid-derubati fejn dawn kienu spjegaw il-valur tad-deheb misruq u stqarru ukoll li kienu sabu xi ghodda fil-post meta saret is-serqa, liema ghodda ma kienetx taghhom. Ix-xhud kien urihom ukoll ritratti tal-imputat izda d-derubati ma gharfuhx. Ix-xhud stqarr li huwa kien prezenti meta fl-24 ta' Lulju 2015 l-imputat ta l-istqarrija tieghu u dan wara li huwa kien ha lill-istess imputat fuq il-post fejn kienet saret is-serqa u dan kien baqa' jsostni li qatt ma kien hemm. Kien sostna ukoll li ma kellu l-ebda konnessjoni mal-Belt Valletta, ghalkemm joqghod il-Furjana.

Fl-istess seduta xehdet ukoll **l-Ispettur Kylie Borg**, li meta sehhet is-serqa kienet stazzjonata fl-Ghassa tal-Belt Valletta u kienet xoghol meta dahal ir-

rapport relattiv mid-derubati. Hija kient infurmat lill-Magistrat tal-Ghassa bil-kaz u kienet infethet inkjesta.

Fis-seduta tat-13 ta'April 2016 xehed **Joseph Curmi**, li jigi r-ragel tan-neputija tad-derubata Antonia Camilleri. B'referenza ghad-dokument ezebit a fol 32, u cioe' l-elenku tal-oggetti allegatament misruq, huwa gharaf li kien hu li ghamel din il-kitba fuq dak li bdew jghidu d-derubat Alfred Camilleri u l-mara tieghu, Carmen Curmi, li ma tafx tikteb.

Fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2017, xehed **PC 605 Lino Parascandolo**, stazzjonat CID, li kkonferma li huwa kien xoghol gewwa l-Ghassa tal-Belt Valletta nhar it-18 ta' Novembru 2012 meta ghall-habta tad-21:00hrs kien dahal ir-rapport dwar il-kaz odjern. Ix-xhud kien mar fuq il-post flimkien ma PS 343 Glenn Carabott. Kien hemm id-dawl tal-appartament mixghul u kien hemm id-derubati gewwa. Fil-kamra tas-sodda kien hemm xi taqlib. Fuq il-post kien irrikorra ukoll PC 734 Franco Portelli.

Fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2017 xehed **PC 734 Franco Portelli**, stazzjonat fl-Ghassa tal-Belt Valletta, li spjega li huwa kien irrisponda ghar-rapport dwar il-kaz odjern, fejn huwa mar fuq il-post. Hemm kien hemm id-derubati li spjegaw li kienu sabu l-bieb sgassat u taqlib fil-kamra tas-sodda. Fuq il-post kienu nstabu tornavit u furmatur li ma kienux tad-derubati. L-oggetti allegatament neqsin kienu xi fili u cpiepet tad-deheb u xi arloggi. Id-derubati ma kellhom suspett f'hadd. Ix-xhud spjega li l-Pulizija kienet investigat xi filmati minn CCTV *cameras* fil-vicinanzi izda dan irrizulta fin-negattiv. In kontro-ezami, ix-xhud elabora li mill-filmati ma deher xejn suspettuz matul il-

hinijiet moghtija mid-derubati. Huwa ccara li ma kienx hu li ra l-filmati izda ufficjal iehor tal-Pulizija u ma kienx cert dwar fejn tabilhaqq qieghdin il-*cameras* relevanti. Lanqas ma seta' jiftakar min kien l-ufficjal li fela l-filmati.

Fl-istess seduta kienet xehdet ukoll **Carmen Curmi**, in-neputija tad-derubati. Ix-xhud irrakkontat li dakinhar li sehhet is-serqa, cemplitilha z-zija taghha u meta marret fuq il-post, rat hafna taqlib. Tiftakar li zijuha kien talabha biex tikteb l-affarijiet li nstabu neqsin imma minhabba li ma tafx tikteb, l-elenku kitbu r-ragel taghha Joseph Curmi. Ix-xhud iccarat li r-ragel taghha ma kienx prezenti waqt li d-derubat beda jsemmi l-affarijiet nieqin u allura, kiteb l-elenku fuq l-informazzjoni li tatu hi. Murija d-dokument relattiv, hija gharfitu mill-kitba tar-ragel taghha.

Fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2017 xehdet **Stephanie Grech**, *Head of Community Services* mal-Caritas. Hija spjegat li l-imputat kien jiffrekwenta l-Caritas minhabba l-problema tad-droga, u ghalkemm gieli resaq lejn programm, dejjem difficli ghalih li jkompli. Fis-26 ta' Lulju 2017 iddahhal fl-*induction shelter*. Ix-xhud spjegat li l-imgieba tal-imputat hija wahda generalment tajba pero' kien qed ikollu diffikulta biex jintegra minhabba li huwa bniedem misthi. Gara li fl-10 t'Awwissu 2017 l-imputat telaq mill-programm minn jeddu wara incident fuq purtiera. Madankollu, l-imputat zamm kuntatt mal-Caritas. Ix-xhud spjegat li minhabba l-aspetti tal-personalita' tal-imputat, jidher li programm residenzjali mhux idoneju u forsi jkun ahjar li jibqa' jattendi *community services* u forsi jasal ghal *evening program* imbaghad minn barra u jibqa' jhalli l-kampjuni tal-awrina. Skont ix-xhud, sa dakinhar li xehdet jidher li l-imputat kien qed jikkoopera u jidher li ma kienx ghadu qed jabbuza mid-droga. In kontro-ezami, ix-xhud ikkonfermat li anke' qabel ma telaq, l-ufficjali tal-Caritas kienu qed jiddiskutu l-possibilita' li l-imputat jiehu trattament minn barra minhabba l-aspetti tal-karattru tieghu li jaghmluha difficli li huwa jintegra tajjeb ma partecipanti ohrajn.

Fis-seduta tal-10 t'Ottubru 2018 xehed **Joseph Mallia**, espert dwar l-impronti digitali mahtur mill-Magistrat Inkwirenti. L-espert ikkonferma li mill-ezercizzju li huwa kien ghamel kien hemm rizultanzi li jorbtu lill-imputat mal-post tas-serqa. Senjatament, kienet l-impronta numru 301, li hija parti minn pala tal-id kienet taqbel ma parti mill-id ix-xellugija tal-imputat. Ukoll, l-impronta numru 302 kienet taqbel mas-sebgha z-zghir tal-id ix-xellugija tal-imputat. In kontro-ezami, l-espert spjega li mhuwiex possibbli li tasal ghal ammont ta' zmien generali ta' kemm impronta iddum prezenti fuq oggett, u dan minhabba li hemm diversi fatturi li jvarjaw minn persuna ghall-ohra u minn ambjent ghall-iehor, biss huwa kkonceda li huwa possibbli li impronti jibghu traccabbli ghall-ammont ta' zmien twil jekk ma jkunx sar disturb taghhom. L-espert rega' xehed waqt is-seduta tas-16 Lulju 2019 fejn ghamel korrezzjoni fir-rapport tieghu u fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2020 fejn talab li ssir korrezzjoni fl-indirizz tal-fond derubat hekk kif rapportat gewwa r-relazzjoni tieghu.

Fis-seduta tas-16 ta'Jannar 2019 xehed **PC169 Jurgen Schembri**, stazzjonat fis-Sezzjoni Forensika, li wara li halef ir-relazzjoni tieghu, spjega li huwa kien gie mghoddi pakkett kontenenti zewg oggetti u cioe' furmatur u tornavit catt li kienu gew elevati minn fuq il-lok. Wara li saru ezamijiet forensici, irrizulta li ma kienx hemm impronti digitali vizibbli fuq dawn iz-zewg oggetti.

Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2019 xehed **Ex PC 1261 Charles Pace** fejn ghamel korrezzjonijiet fir-rapport tieghu.

**Ikkunsidrat**

**Ir-reat ta' serq**

Illi l-imputat huwa akkuzat tali ikometta serqa minn gewwa residenza, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz, bil-persuna u bil-lok.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-Carrara li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq; jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[16]. Infatti skond il-Professur Mamo din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati.

Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

Illi dawn huma kkonfermati fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Joseph Mericeca) vs Jonathan Zammit**.[17]

Il-Qorti f'dik is-sentenza kkunsidrat li:

'5. *Dawn il-fatti mghandhomx mir-reat ta' serq li jirravviza l- konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b'qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta'*

[16] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*
[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Marzu, 2017 (Appell Numru: 400/2015)

*lukru. Il- provenjenza ta' dawn l-elementi hija traccabbli ghall-insenjament tal-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui,fatta invito domino, con animo di farne lucro".'*

L-aggravji tas-serq kontestati f'dan il-kaz huma elenkati fl-artikolu 261 tal-Kodici Kriminali li jinkludu l-aggravju tal-mezz, tal-valur, tal-persuna u l-lok. Dawn qed jissemmew specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputat u li jinkorporaw biss dawn l-aggravji.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-mezz li jista jsir b'diversi modi wkoll skond kif senjalati fl-artikolu 263, 264 u 265 tal-istess Kodici, jinkludi meta jkun hemm sgass, ksur jew skalata sabiex issir access fil-post li jkun ser jinsteraq.

Il-valur jaggrava s-serq skond dak dispost fl-artikolu 267 u li jirrizulta jekk il-valur tal-oggett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-lok jista jsir meta jsir f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li taghmel maghha.

L-aggravju tal-persuna, huwa kkunsidrat meta ssir minn mis-seftur, mistieden jew xi hadd tal-familja tieghu, lukandier, tvernar, sewwieq ta' vettura, barklor kif ukoll meta jsir minn apprendist, kumpann fix-xoghol, haddiem, profesur, artista, suldat, bahri jew impjegat iehor.

**Ikkunsidrat**

**Ir-reat ta' ricetazzjoni**

L-imputat tressaq skond l-artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali talli:

*U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.*

Il-gurisprudenza nostrana tghallem illi l-elementi li ghandhom jigu ppruvati in sostenn tar-reat ta' ricetazzjoni huma s-segwenti:

a) L-element materjali tar-reat ta' ricetazzjoni jikkonsisti filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi oggett li huwa effetivament misruqa b'qerq jew akkwistati b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi, u

b) Tali serq, akkwistat b'qerq jew akkwistat b'mod iehor illecitu irid ikun sar minn persuna ohra, cioe' mhux mill-istess persuna li qed tigi akkuzata bir-ricetazzjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Alfred Brown**[18] gie kkunsidrat li:

*'Jinghad mill-bidu nett illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni korretta tal-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni u s-sentenzi minnha ikkwotati kollha jirreferu ghal studju magisterjali maghmul mill-mibki Imhallef William Harding fil-ktieb tieghu "Recent Criminal Cases Annotated" fejn f'sentenza numru 109 Pulizija versus Joseph Bugelli u ohrajn tal-24 ta' Jannar 1942 jinghad: "Three conditions are essential, that is, (a) that, previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchased, or, in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods." Dan l-ahhar element, dak tax-xjenza jew "awareness" kien soggett ta' diversi interpretazzjonijiet mis-sentenzi taghna u dejjem qiesu illi s-suspett biss illi l-oggett seta' kellu provenjenza illecita ma kienx bizzejjed biex jissodisfa din in-natura ta' "awareness" kif trid il-ligi. Hekk qalet, perezempju, il-*

[18] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Jannar, 2015 (Appell Kriminali Numru. 352/2014)

*kawza Pulizija kontra Carmel Debono deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ewwel (1) 11 ta' Novembru elf disa' mija sitta u disghin (1996): "biex persuna tinstab hatja ta' ricetazzjoni trid tkun taf li l-oggett illi qed tircievi jew li qieghed jindahal biex jinbiegh jew tmexxi hu ta' provenjenza illecita. Mhux bizzejjed li bhala fatt l-oggett ikun insteraq lil haddiehor; hemm bzonn li jkun hemm ix-xjenza tal-agent dwar dik il-provenjenza illecita." Dan gie spjegat ahjar fil-kawza Pulizija versus George Schembri, Qorti tal-Appell 30 ta' April 1992 "... min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla din il-provenjenza huwa hati ta' ricettazzjoni."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Godwin Spiteri**[19] gie kkunsidrat li:

*'Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien messu ragonevolment jaf li l-oggett li ser jakkwista gej minn provenjenza kriminuza.*[20]

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima**[21] dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat gie ritenut:

*"L-element materjali tar-reat ta' ricetazzjoni jikkonsisti mhux biss filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi xi oggett (hu x'inhu l-oggett), izda wkoll filli dak l-oggett kien effettivament misruq, miksub qerq jew akkwistat b'xi wiwhed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi…"*

L-istess Qorti tikkowota l-gurista **Franceso Antolisei** li jghid:

*Poiche` oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenineza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone,*

[19] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu, 2011 (Appell Kriminali Numru: 360/2010)
[20] Ara Appell Kriminali, Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et, 16 ta' Dicembru 1998
[21] Qorti tal-Appell Kriminali, S.T.O Prim Imhallef Emeritus V. De Gaetano, Deciza 25 ta' Ottubru 2002

*cioe`, che un altro reato sia stato commesso in precedenza…Naturalmente il delitto anteriore deve essere effetivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato…[ma] la condanna per ricettazione non puo` aver luogo, se prima non e` stato roconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte…a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche` questa e` una semplice condizione di procedibilita`. Del pari, la ricettazione puo` sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita` o per un'altra causa soggettiva di esclusione della pena…Infine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e` il presupposto, sia estinto.*

In olter l-gurista **Manzini** jghallem illi:

*"Poiche' il denaro o le cose, che possono essero ogetto del delitto di ricetazzione, debbono provenire da un delitto, ne segue che non puo' esservi 'ricettazzione' senza che il fatto si riconnetta ad un delitto anteriore."*[22]

Il-prosekuzzjoni ghalhekk trid tipprova li l-imputat xjentement laqgha ghandu dawn l-oggetti misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat. Ma huiex prova sal-grad rikjest mill-ligi li suspett li dawn l-oggetti setghu ttiehdu b'reat huwa bizzejjed biex jissussisti r-reat ta' ricettazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Ir-reat tal-hsara volontarja**

L-imputat tressaq ukoll talli kkommetta hsara volontarja skond l-artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali.

[22] Trattato di Diritto Penale Italiano di Vincenzo Manzini, VOume Nono, Folio 914

Illi l-artikolu 325(1)(c) kien gie emendat permezz ta' l-Att XXIX tal-2014.

Illi qabel ma saret din l-emenda, l-artikolu 325(1)(c) kien jaqra hekk:

*1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(ċ) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri l-mija u sittax l- euro u seba u erbghin centezmu (116.47), imma jkun izjed minn tlieta w ghoxrin euro u disa' u ghoxrin centezmu, il-piena ta' priġunerija għal zmien mhux izjed minn sitt xhur;*

**Ikkunsidrat**

**Provi tal-prosekuzzjoni**

Mix-xhieda ta' Alfredo Camilleri[23] jirrizulta li hu u l-mara kienu sabu l-bieb tad-dar taghhom sgassat wara li kienu hargu u d-dar taghhom imqallba, bid-deheb taghhom misruq li jiswa madwar hamest elef Euro.[24]

Ix-xhud ipprezenta dokument iffirmat minnu bil-lista ta' l-oggetti kollha li gew misruqa minghandu.[25] Sussegwentement kien xehed Joseph Curmi li kien ikkonferma li kien hu l-persuna li kiteb il-lista ghan-nom tal-vittma, li jigi z-ziju tar-rispett, wara li kienet talbitu jaghmel dan martu stante li Alfredo Camilleri ma kienx jaf jikteb.[26] Carmen Curmi, li kienet assistiet biex tigi formulata l-lista, kienet ukoll xehdet u ikkonfermat l-oggetti f'dan ir-rigward.[27]

[23] Folio 25-32 ta' l-atti processwali
[24] Folio 27 ta' l-atti processwali
[25] Dok AC1, Folio 33 ta' l-atti processwali
[26] Folio 215-220 ta' l-atti processwali
[27] Folio 305-311 ta' l-atti processwali

Illi apparti din il-lista esebita fir-rapport ta' l-incident hemm ukoll indikat lista dettaljata ta' l-oggetti kollha li gew misruqa kif ukoll indikazzjoni li skond il-vittmi dawn l-oggetti msemmija jammontaw ghal aktar minn elfejn u tlett mitt Ewro.[28]

Ix-xhud Alfredo Camilleri jikkonferma wkoll li meta saret din is-serqa sarulu diversi hsarat:

*"Il-gwardarroba sgassata u l-bieb ta' barra…. Il-bieb ta' barra tqaccat ghax imbaghad sibna t-turna vit haduh il-Pulizija hemm gew ma' l-art."*[29]

Gie relevat ukoll fix-xhieda tal-vittma li minn mindu saret din is-serqa l-mara tieghu mardet bid-*dementia* u baqghet sejra lura minn mindu hadet ix-xokk tas-serqa.

In kontro ezami, ix-xhud ikkonferma li kull nhar ta' Hadd hu u l-mara tieghu kienu johorgu gurnata shiha u li ma kienx jaf l-imputat u lanqas min kien il-persuna li dahallu.[30]

Mix-xhieda ta' l-Ispettur investigattiv Carlos Cordina irrizulta li tul l-investigazzjoni l-imputat kkoopera mal-pulizija u anke mal-Qorti sabiex jittiehdulu l-impronti tas-swaba ta' idejh. In kontro ezami jikkonferma wkoll li fuq l-imputat ma nstabet l-ebda rifurtiva.

**Ikkunsidrat**

**L-istqarrijiet ta' l-imputat**

L-ewwel stqarrija ta' l-imputat ittiehdet nhar il-24 ta' Lulju 2015 fis-18.05hrs, gewwa d-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali, id-Depot, mill-Ispettur

[28] Folio 222-223 ta' l-atti processwali
[29] Folio 30 ta' l-atti processwali
[30] Folio 32 ta' l-atti processwali

Carlos Cordina fil-presenza ta' PS90 Jeffrey Gerada.[31] Illi din l-istqarrija ittiehdet wara li l-imputat nghata d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni[32]. L-imputat ghazel li jirrinunzja milli jezercita dawn id-drittijiet u ffirma tali rinunzja.

Fl-istqarrija tal-24 ta' Lulju 2015, 18.05hrs l-imputat ghalkemm ghazel li iwiegeb ghad-domandi li sarulu ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija.

Fl-istqarrija l-imputat jerga jikkonferma li jbati mill-vizzju tad-droga u li kien hemm hsieb sabiex jattendi ghal programm ta' riabilitazzjoni.

Fuq il-mistoqsija rigwardanti s-serqa, l-imputat innega ghal kollox l-involviment tieghu u li qatt kien mar gewwa r-residenza jew il-blokka ta' l-appartamenti.

*"Jien qatt ma kont nghix hemm hekk u lanqas qatt ma dhalt gewwa fil-blokka.*

*Le qatt ma kelli tfajla minn hemm, jien minn hemm isfel qatt ma kelli zgur."*[33]

Meta kien ikkonfrontat li l-pulizija kellhom evidenza li turi mod iehor, l-imputat baqa jinnega l-involviment tieghu.

*"Mhux jien zgur….. Ghax f'dak il-post ma kont qatt."*

Ikkonfrontat mal-fatt li nstabu l-impronti ta' idejh mal-bieb tal-apartament in kwistjoni iwiegeb li ma *"Mghandix idea."*[34]

It-tieni stqarrija ta' l-imputat ittiehdet nhar il-24 ta' Settembru 2015 fil-16.35hrs gewwa d-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali, id-Depot mill-Ispettur Carlos Cordina fil-presenza ta' PS90 Jeffrey Gerada.[35] Illi din l-istqarrija

[31] Folio 49-51 ta' l-atti processwali
[32] Folio 48 ta' l-atti processwali
[33] Folio 50 ta' l-atti processwali
[34] Folio 51 ta' l-atti processwali
[35] Folio 53-55 ta' l-atti processwali

ittiehdet wara li l-imputat nghata d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni[36]. L-imputat ghazel li jirrinunzja milli jezercita dawn id-drittijiet u ffirma tali rinunzja.

Fl-istqarrija tal-24 ta' Settembru 2015, 16.35hrs, l-imputat ghazel li iwiegeb ghad-domandi li sarulu kif ukoll li jiffirma l-istqarrija.

Fl-istqarrija l-imputat jghid li ilu ibaghti mill-vizzju tad-droga ghal madwar 25 il-sena u li fil-present qieghed immur ghal laqghat halli jidhol programm tar-riabilitazzjoni tal-Caritas gewwa Santa Marija. Fl-istess hin kien qed inaqqas l-uzu tal-methadone sabiex ikun jista jidhol programm ta' riabilitazzjoni gewwa Dar l-Impenn.

Illi l-imputat innega l-involviment tieghu f'din is-serqa kif ukoll li kien hemm xi hadd iehor involut mieghu. L-imputat innega li qatt kellu x'jaqsam ma' l-inhawi ta' fejn sarret is-serqa jew li kien jaf xejn dwarha.

**Ikkunsidrat**

**Principji legali dwar l-istqarrijiet**

Fuq bazi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk l- istqarrijijiet li ġew rilaxxati mill-imputat humiex amissibbli u jistax ssir inferenza f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġew rilaxxati l-istqarrijiet tal-imputat, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul l-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk l-istqarrija in kwistjoni kienitx konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-

[36] Folio 52 ta' l-atti processwali

Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta l-imputat rrilaxxa l-istqarrijiet tiegħu, huwa kien ingħata id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, liema dritt infatti huwa ghazel li ma juza. Madankollu ma kien ingħata l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tiegħu matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att LI tas-sena 2016 li dahlet fis-sehh fit-28 ta' Novembru 2016.[37] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li l-imputat ġie interrogat.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[38] li tirrigwarda l-ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet esprimiet is-segwenti:

> *Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif*

[37] Fit-28 ta' Novembru 2016

[38] Rikors kostituzzjonali 92/16.

*jidher fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*

*"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel l- interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*

*Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz, ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi l-arrestat jingħata l- possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l- interogazzjoni. Għalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-

sentenzi wiehed isib il-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Claire Farrugia**[39] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018, fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din il-posizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti l-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.[40] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l-avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[41] fejn il-Qorti rriteniet:

---

[39] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

[40] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali

[41] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Graziella Attard vs Avukat Generali**[42] fejn il-Qorti rriteniet:

> *"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*
>
> *Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta*

[42] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali

*tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[43]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[44]

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**[45] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għallpreżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[46]

Illi din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[47]

Illi l-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza recenti ta' **Roderick Castillo vs Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**[48] fejn gie ikkonfermat li meta issir ezami dwar l-ammissibilita ta' l-istqarrija ghandu

[43] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[44] Folio 14 tas-sentenza
[45] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF
[46] Folio 25 tas-sentenza
[47] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18
[48] Deciza 20 ta' Lulju 2020, Qorti Kostituzzjonali, S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 20/16

ssir ukoll ezami tal-proceduri kollha hekk kif indikat fis-sentenza **Beuze vs. Belgium**.

F'decizjoni ricenti **Morgan Onuorah v l-Avukat tal-Istat[49]** il-Qorti Kostituzzjonali stqarret li:

*"il-qrati domestici ma jistghux jippermettu li f'proceduri kriminali li ghadhom pendent jithallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bhala difett procedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-process kriminali kollu."[50]*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Tony Curmi[51]** fejn il-Qorti riteniet:

*Din il-Qorti ghalhekk tqis li nonostante l-fatt li l-istqarrija ta' Wayne Grima ittiehdet fi zmien meta suspettat ma kienx jinghata d-dritt li jkollu Avukat prezenti waqt listqarrija u fejn setghet anke tapplika r-regola ta' inferenza fejn suspettat jaghzel li jikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija, jekk ma jkun irid jghid xejn jew jonqos milli jsemmi xi fatt u sussegwentement matul il-process iressaq xi difiza li tkun ibbazata fuq xi fatt li ma jkunx semma matul l-interrogazzjoni, mhux biss Wayne Grima ghazel li jiguramenta l-istqarrija tieghu izda ukoll sal-lum il-gurnata ma jirrizultax jekk Wayne Grima qieghed jikkontesta l-ammissibilita' jew il-kontenut tal-istqarrija rilaxxata minnu. Ghalhekk din il-Qorti tqis li tali stqarrija ghandha tibqa' fl-atti u ghalhekk hija prova ammissibli f'kaz li Wayne Grima jixhed f'dan ilguri u tali stqarrija ma tigix kontestata minnu.*

*Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi ghar-ragunijiet ikkunsidrati f'din is-sentenza, tilqa' limitatament l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat billi filwaqt li tiddikjara l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat Tony Curmi fit-23 ta' Novembru 201459 a fol 7 et sequitur tal-atti ta' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala*

[49] Deciza 27 ta' Jannar 2021, Qorti Kostituzzjonali, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18
[50] Folio 12 tas-sentenza
[51] Qorti Kriminali; Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Att ta' Akkuza 8/2019

*Qorti Istruttorja bhala prova inammissibbli u ghalhekk tordna l-isfilz taghha, tiddikjara ukoll kwalunkwe referenza li saret fl-atti inkluz fil-provi u fix-xhieda ghal dak li l-akkuzat Tony Curmi seta' qal matul l-investigazzjoni u matul it-tehid tal-istqarrija minghajr ma kellu Avukat prezenti bhala ukoll inammissibli.*

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputat, u tinsab konvinta li l-imputat ma kienx necessarjament ben konxju jew imdorri ghall-proceduri u l-prattici tal-pulizija. Madankollu, hija ma tistax tinjora l-insenjamenti lokali u regonali f'dan il-qasam, u a bazi tal-istess insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġu b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta l-istess stqarrijia u ma tqishiex bħala prova f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat**

**Inkjesta Magisterjali**

Illi f'Novembru 2012 kienet infethet inkjesta magisterjali rigward rapport dwar sgass fir-residenza 157, Flat 2, Triq il-Punent, il-Belt Valletta nhar it-18 ta' Novembru 2012 mill-Magistrat Inkwirent Dr. Doreen Clark.

Mill-*procés verbal* li gie kkonstatat u esebit jirrizulta li l-esperti nominati fuq ix-xena tal-post elevaw *lifters* minn fuq il-bieb ta' barra minn naha ta' barra, kif

ukoll *lifter* elevat minn fuq kaxxa tal-kartun li kienet fil-kamra tas-sodda flimkien mar-ritratti relattivi taghhom.[52]

Fuq il-post kien hemm taqlib estensiv fil-kamra tas-sodda ewlenija. Gewwa l-kamra tas-sodda nstab turnavit u furmatur li kienu estranji ghall-fond. Illi mir-rapport ta' l-incident irrizulta li l-imsemmi turnavit catt u furmatur gew elevati mill-pulizija tal-forensika ghal aktar stharrig.[53]

Mir-rapport ta' l-espert mahtur Dr. Anthony Cutajar LL.D gie kkonstatat li sar access fuq il-fond inkwistjoni kif ukoll li zamm seduta fejn semgha bil-gurament lil vittma Alfred Camilleri.[54]

Illi mix-xhieda tal-vittma jirrizulta li l-valur komplessiv ta' l-oggetti misruqa jammonta ghal iktar minn elfejn u tlett mitt Euro. In kwantu ghall-hsara gew indikati il-bieb ta' barra li gie sgassat u trid tinbidel is-serratura, rtokki fl-injam, jitwahhlu lura z-zewg serraturi tal-gwardarobba li nqalghu minn posthom. Valur tal-hsara ma giex indikat mix-xhud, izda fil-konkluzjoni finali tal-espert jigi indikat li l-valur tal-hsara ma jammontax ghal aktar minn mija u sittax il-euro u sebgha w erbghin centezmu.[55]

Fil-konkluzjonijiet ta' l-esperti gie indikati li l-akkuzi li ghandhom jitressqu ghal dan ir-reat ghandhom jinkludu ir-reat tas-serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok kif ukoll akkuzi ghar-reat tal-hsara.[56]

Il-Qorti tosserva wkoll li filwaqt li l-espert ma jindikax li l-akkuzi ghandhom jitressqu ta' serq ikkwalifikat bl-aggravju tal-persuna, il-prosekuzzjoni kif ukoll l-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju jindikaw din il-aggravju.

---

[52] Relazzjoni ta' l-espert PS1261 Charles Pace, Folios 94-101 ta' l-atti processwali
[53] Folio 226 ta' l-atti processwali
[54] Dok AC, Folios 103-122 ta' l-atti processwali
[55] Folio 107 ta' l-atti processwali
[56] Folio 119 ta' l-atti processwali

Mir-relazzjoni ta' l-espert PS 36 Sergio Azzopardi[57] irrizulta li ttiehdu tlieta u ghoxrin ritratt.

Mir-relazzjoni ta' l-espert Joseph Mallia[58] jirrizulta li l-espert ha l-impronti digitali u palmari ta' l-imputat wara li ta l-kunsens tieghu sabiex issir l-ezami komparattiv mal-impronti digitali mehdua mill-espert PS1261 Charles Pace. Illi l-espert ikkonkluda li:

***"l-impronta dokument 12 DDI 301 gie ikkomparat pozittivament u ghalhekk hija identika ma' parti mill-marka tal-pala tal-id ix-xellugija ta' Matthew Piscopo, detentur tal-karta tal-identita numru 068675(M).***

***Illi t-tieni (2) impronta li giet zviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 12 DDI 302, giet ikkomparata pozittivament u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba z-zghir tal-id ix-xellugija ta' Matthew Piscopo, detentur tal-karta tal-identita numru 068675(M)."***[59]

**[enfasi tal-Qorti]**

L-espert Joseph Mallia u PC 169 Jurgen Schembri kienu sussegwentement mahtura sabiex jaghmel dawk l-ezamijiet ghaz-zvilupp tal-impronti minn fuq it-turnavit u l-furmatur u ssir komparizzjoni ma l-impronti ta' l-imputat.[60] Madankollu, mill-ezamijiet li saru ma gew innotati ebda impronti vizibbli minn fuq l-oggeti li gew ezaminati.[61]

**Ikkunsidrat**

Illi mill-assjem tal-provi kollha prodotti jirrizulta b'mod car li l-imputat kien fil-post ta' l-incident. Min-naha l-ohra, il-vittma qatt ma kien iltaqa' mieghu, la kien jafu u lanqas qatt dahhlu go daru. Proprju ghalhekk, din il-Qorti hija

[57] Dok SH Folio 124-127 ta' l-atti processwali
[58] Dok JM1 Folio 135-177 ta' l-atti processwali
[59] Folio 154-155 ta' l-atti processwali
[60] Folio 364 u 404 ta' l-atti processwali
[61] Dok JS1, Folio 409-418 ta' l-atti processwali

ghal kollox konvinta li ma jistax jinghad li dawk l-impronti ta' l-imputat setghu kienu hemm f'cirkostanzi ohra.

Il-prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet finali taghha ghamlet referenza ghal-kaz **Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri u Spettur Joseph Mercieca) vs Pierre Buttigieg**[62] u s-sentenza il-**Pulizija kontra Emanuel Camilleri**[63] fejn gie ritenut

*"Hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza."*

Filwaqt li d-difiza taqbel mal-kontenut tas-sentenzi tenniet li dawn l-impronti instabu mal-bieb ta' barra u mhux fuq gewwa allura xorta hemm dubju ragonevoli dwar l-involviment ta' l-imputat.

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Anthony Abela**[64] fejn gie ritenut:

*"Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li s-suspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija."*

F'din il-kawza il-Qorti kienet ghamlet distinzjoni bejn impronti li jinstabu f'postijiet pubblici li fihom imorru hafna nies u impronti li jinstabu f'residenza u tenniet li l-prova tal-impronti digitali ghandha tkun sufficjenti bies tissodisfa l-oneru tal-prova w legalment mhux necessarju li jkun hemm si korroborazzjoni ta' din il-prova.

---

[62] Qorti tal-Appell Kriminali; Onor Imhallef Joseph Galea Debono; Deciza 17 ta' Settembru 2008; Appell Kriminali Numru: 27/2008
[63] Deciza nhar it-30 ta' Gunju 1998
[64] Qorti tal-Appell Kriminali; Deciza 28 ta' Mejju 1998

Illi skond l-awtur **BLACKSTONES** - "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (pagna 2311-2312) jghid testwalment hekk :-

*"Properly presented fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but, in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82)."*

Illi skond l-awtur l-**ARCHBOLD** "Criminal Pleading , Evidence and Practice" (2001 edit.) (pagna 1348 ) jghid :- *"A person may be identified by fingerprints alone"* : R. v Castleton , 3 Cr. App. R 74 CCA".

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputat ma kienx jaf il-vittmi u ma kien ebda raguni ghalfejn kellu jkun hdejn ir-residenza taghhom b'tali mod li jiggustifika s-sejba tal-impronta digitali tieghu mal-bieb ta' barra. Il-Qorti tara li din il-prova hija determinati w univoka bizzejjed biex torbot lill-imputat mas-serqa saret ghand il-vittmi.

Kif inqtal fis-sentenza **Pulizija vs Pierre Buttigieg**

*Fil-kors normali tal-hajja n-nies ma joqghodux icappsu idejhom ma bibien tan-nies, specjalment bibien li ma jintuzawx. Anki jekk l-appellant kien jiffrekwenta ta' spiss l-istabbiliment in kwistjoni, hu suppost li kien jidhol fih mill-bieb principali li addirittura kien jinstab wara l-kantuniera fi triq ohra, Ghalhekk ma kien ebda raguni plawsibbli u probabbli taht il-kappa tax-xemx ghala l-marka tal-pala ta' idu kellha tinstab fuq il-bieb inkwistjoni.*

Di piu', meta din il-Qorti tqis l-oggetti li kienu misruqa, il-vizzju tad-droga li kien ibati minnu l-imputat f'dak iz-zmien, u l-valur tal-oggetti misruqa, tkompli tinforza l-mottiv ghalfejn l-imputat wettaq din is-serqa.

Madankollu, fil-waqt li tara li l-prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha b'mod suffijenti fir-rigward serq aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok din il-Qorti tqis li ma tressqu ebda provi li jippruva li s-serq sar bl-aggravju tal-persuna.

Fir-rigward il-hsara volontarja li saret, din il-Qorti wara li rat ir-rapport ta' l-espert u qiset ix-xhieda tara li din l-imputazzjoni giet ukoll sodifacentement ippruvata. M'hemmx dubju, gjaladarba din il-Qorti sejra ssib lill-imputat hati tas-serq aggravat bil-mezz, li l-imputat sgassa l-bieb ta' barra tal-appartament tal-vittma – l-istess bieb li fuqu nstabu l-impronti tieghu – u ghalhekk ikkawzalu l-hsara.

Fir-rigward ir-reat tar-ricetazzjoni din il-Qorti qiset li din il-imputazzjoni nghatat bhala alternattiva tar-reat principali tas-serq u in vista ghal fatt li r-reat tas-serq gie sodisfacentement ippruvat (salv ghal aggravju tal-persuna), din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**L-addebitu tar-recidiva**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll li f'kaz ta' htija jitqies li huwa recidiv taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-prosekuzzjoni esebit zewg sentenzi bhala prova ta' l-addebitu tar-recidiva[65] u ghandu jinghad illi wahda minn dawn is-sentenzi titratta dwar serq. Madankollu, kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza ma talbux sabiex l-imputat jigi ikkunsidrat skond l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali.

[65] Dok CC7 u Dok CC8, Folios 58-76 ta' l-atti processwali

Il-fedina penali ta' l-imputat giet esebita mill-prosekuzzjoni u fiha turi li l-imputat kemm il-darba xellef difrejgh mal-ligi.[66]

Illi fis-sentenza tat-30 ta' Lulju 2013 deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-imputat kien instab hati, fuq ammissjoni tieghu, ta' serq u gie ikkundannat terminu ta' tnax il-xahar prigunerija effettiva.

Illi din is-sentenza giet ikkonfermata mill-ufficjal prosekutur, l-Ispettur Kylie Borg li kienet mexxiet l-kawza kif ukoll il-konnotati tal-imputat jaqblu ma' dawk ta' l-imputazzjonijiet kif ukoll mal-fedina penali.[67]

Illi din is-sentenza iggib id-data tat-30 ta' Lulju 2013. Ghalkemm l-imputat tressaq nhar il-25 ta' Settembru 2015, l-allegat reat sehh fit-18 ta' Novembru 2012 u ghaldaqstant din il-Qorti ma tqisx din is-sentenza bhala valida ghall-finijiet tar-recidiva stante li din is-sentenza inghatat wara l-allegat reat in kwistjoni.

Illi l-artikolu 49 jghid hekk:

> ***49.*** *(1) Persuna titqies reċidiva jekk,* ***wara li tkun ġiet ikkundannata*** *għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat,* ***tagħmel reat ieħor****.*

Illi ghalhekk, l-addebitu tar-recidiva japplika jekk wara kundanna, il-malvivent jaghmel atti kriminali li jikkostitwixxu reat. F'dan il-kaz, l-atti kriminali li bihom gie mixli l-imputat f'din il-kawza huma antecedenti ghall-kundanna tas-sentenza tat-30 ta' Lulju 2013. Konsegwentement, l-addebitu tar-recidiva ma jistax jinghad li jirrizulta a bazi ta' din is-sentenza.

[66] Folio 7-12 ta' l-atti processwali
[67] Folio 203 ta' l-atti processwali

Illi fis-sentenza tal-21 ta' Novembru 2007 deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-imputat kien instab hati, ta' diversi imputazzjonijiet u gie ikkundannat terminu ta' hdax il-xahar prigunerija effettiva kif ukoll multa.

Illi mill-atti processwali ma jirrizultax li din is-sentenza giet ikkonfermata mill-ufficjal prosekutur ghalkemm tirrizulta fil-fedina penali ta' l-imputat.[68] Madankollu, din il-Qorti tara li l-konnotati tal-imputat jaqblu ma dawk ta' l-imputazzjonijiet kif ukoll mal-fedina penali u sejra tqis din is-sentenza bhala valida u prova sufficjenti sabiex jigi detterminat l-addebitu tar-recidiva.

Illi l-imputat tressaq a bazi tal-ksur ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 50 jistqarr:

*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Ghalhekk il-Qorti tara li l-addebitu tar-recidiva giet sufficjentement ipprovata u l-imputat ghandu jitqies li huwa recidiv ghal fini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi flimkien mac-cirkostanzi tar-reat din il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni d-dispossizjonijiet tal-ligi flimkien ma dawk li jipprovdu l-

[68] Folio 10-11 ta' l-atti processwali

artikoli 17 fir-rigward il-konkors ta' reati u pieni u skala tal-pieni skond l-artikolu 31 tal-Kodici Kriminali

Illi skond l-artikolu 278(2) u 278(3) tal-Kodici Kriminali::

*(2) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll b'waħda mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija ma tingħatax fil-minimum tagħha.*

*(3) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll bi tnejn jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux b'dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija tiżdied bi grad u ma tingħatax fil-minimum tagħha.*

L-artikolu 280(1) u (2) tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

*(1) Meta s-serq ikkwalifikat bil-"valur" ikun akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux b'dik tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", il-ħati jeħel, skont il-każ, il-pieni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda dawn ma jingħatawx fil-minimum tagħhom.*

*(2) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"valur", ikun akkumpanjat ukoll bil kwalifika tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", jew bit-tnejn, għandha tingħata l-piena li hemm għas-serq akkumpanjat b'dawk il-kwalifiki:*

*Iżda, jekk din il-piena tkun anqas mill-pieni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandhom jingħataw dawn l-aħħar pieni miżjuda bi grad.*

L-artikolu 281(b) tal-Kodici Kriminali:

*Il-ħati ta' serq ikkwalifikat biss bil-"persuna", bil-"lok", bil-"ħin" jew bix-"xorta tal-ħaġa misruqa", jeħel -*

*(b) jekk is-serq ikun akkumpanjat bi tnejn minn dawk il-kwalifiki, l-istess piena, iżda qatt fil-minimum tagħha;*

Illi skond l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminai din il-Qorti tista meta taghti piena izzid l-istess piena bi grad wiehed.

Il-Qorti hadet konjizzjoni wkoll tal-fedina penali refrattarja ta' l-imputat u l-fatt li huwa recidiv. L-imputat inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu u minkejja d-diversi opportunitajiet li nghatawlu, kif ukoll, l-istess sentenzi li skonta, xorta baqa ghaddej fit-triq ta' abbuz tas-sustanzi.

Il-Qorti qieset ukoll is-sottomissjoni tad-difiza li dan il-kaz sar disa snin ilu u li minn dak iz-zmien l-hawn ma regax kellu aktar inkwiet. Madankollu in vista tal-fatt li ma gietx esebita fedinal penali aggornata tal-imputat din il-Qorti ma tistax tistrieh ghal kollox fuq din id-dikjarazzjoni.

Il-Qorti tqis li ma jistax jigi injorat ukoll li l-vittmi huma nies anzjani u vulnerabbli li gew vittamizzati f'darhom u li kif qal il-vittma Alfredo Camilleri, martu marret ghall-aghar bil-marda tad-dementia li kellha wara x-xokk tas-serqa. Il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll illi l-oggetti misruqa kellhom valur materjali kif ukoll sentimentali u li l-istess oggetti qatt ma gew ritornati lura lid-derubati.

Din il-Qorti ghalhekk, in vista li huwa evidenti li l-imputat kiser il-fiducja moghtija lilu diversi drabi, kif ukoll ghaliex ghandha r-responsabilita' tara li s-socjeta tigi salvagwardjata mill-atti kriminali tieghu, tqis li ghandha timponi piena karcerarja effetiva fuqu.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b), 261(c), 261(d), 261(e), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 269(g), 278, 279(b), 280, 281, 334(a), 49, 50, 17, 23, 31, 532A, 533 u 325(1)(c) (kif kienet qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Matthew Piscopo

**Hati** ta' l-ewwel imputazzjoni u cioe' dik tas-serq ikkwalifikat bl-aggravju tal-mezz, tal-lok u tal-valur, izda mhux hati tal-aggravju bil-persuna, kif ukoll **Hati** tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet dedotti kontrih u tikkundannah piena kumplessiva ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija effettivi li minnhom ghandhom jigu mnaqqsa dawk skontati minnu taht arrest preventiv.

**Tastjeni** milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni in kwantu din hija alternattiva ghal-ewwel imputazzjoni, li taghha l-imputat instab hati.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda mal-piena, tordna lill-hati jirrestitwixxi lill-parti offiza kull haga minnu misruqa immedjatament u fin-nuqqas li jirrestitwixxi kollox, ihallas lill Alfredo Camilleri u l-familja tieghu l-ammont ta' hamest elef Euro (€5,000) rapprezentati kumpens ghat-telf u hsara li soffrew permezz tar-reat.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta; Malta tawtorizza li l-kumpens ta' hames telef Euro jithallas bin-nifs, b'tali mod li ghandu jithallas fi zmien massimu ta' tlett snin wara li l-hati jkun skonta s-sentenza ta' prigunerija effettiva.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 23(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*, tal-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex isir id-delitt.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li waqt li l-hati jkun fil-perjodu ta' inkarcerazzjoni, u safejn jaccetta l-istess hati, u jekk ghadu l-kaz, jigi offrut u jinghata kull opportunita possibli sabiex jindirizza l-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati Matthew Piscopo ihallas lir-Registratur l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta relattiva, fis-somma komplessiva ta' elf, mitejn u hdax il- Euro u sitt centezmi (**€1,211.06**) u cioe' l-ispejjez hawn taht elenkati:

1.Relazzjoni ta' l-espert PS 1261 Charles Pace ta' €45.98[69],

2. Relazzjoni ta' Dr. Anthony Cutajar LL.D ta' €362.09[70];

3. Relazzjoni ta' l-espert PS36 Sergio Azzopardi ta' €93.08[71];

4. Relazzjoni ta' l-espert Joseph Mallia ta' €585.50[72];

5. Relazzjoni ta' PC 169 Jurgen Schembri ta' €124.41.[73]

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lir-Registratur tal-Qorti.

[69] Folio 99 ta' l-atti processwali
[70] Folio 120 ta' l-atti processwali
[71] Folio 127 ta' l-atti processwali
[72] Folio 177 ta' l-atti processwali
[73] Folio 411 ta' l-atti processwali

**Moghtija illum nhar il-20 ta' April 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**